MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 309/2004

**Emmanuel u Carmen konjugi Sammut**

**vs**

**Carmelo u Rita konjugi Psaila**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef tlett mija u tmienja u tmenin Lira Maltin (LM4,388.00,0) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' elf tminn mija u sebgha u tletin Lira Maltin (LM1,837.00,0) arretrati ta' kera skond kuntratt ta' lokazzjoni tal-11 ta' Mejju tas-sena 2002 u in kwantu s-somma ta' elfejn hames mija u**

**wiehed u hamsin Lira Maltin (LM2551.00,0) bilanc ta' somma akbar li l-konvenuti obbligaw ruhhom li jhallsu skond skrittura privata tat-28 ta' Ottubru tas-sena 2002;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet, in kwantu ghall-arretrati tal-kera mid-data tal-iskadenza ta' kull pagament u in kwantu ghar-rimanenti bilanc mit-28 ta' Ottubru tas-sena 2002 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni, u b'riserva ghal kull dritt ta' azzjoni ohra spettanti lill-atturi kontra l-konvenuti;**

**Rat in-notifika negattiva tal-avviz datata 22 ta' Gunju tas-sena 2004 fejn hemm indikat li l-istess avviz gie rifjutat;**

**Semghet lill-Ufficjal Esekuttiv tal-Qrati ai terminu tal-Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 li kkonfermat l-istess riferta negattiva liema riferta giet rifjutata mill-konvenuti;**

**Rat ghalhekk l-Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 u ddikjarat fil-verbal tad-19 ta' Ottubru, 2004 li n-notifika de quo giet rifjutata u li konsegwentement l-istess digriet qed jitqies bhala prova tan-notifika ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment ai termini tal-artikolu fuq citat il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fid-19 ta' Ottubru tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet**

**tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------